MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 193/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Ciantar Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2003, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm380.73) rappresentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 99442768.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-interessi mid-data meta l-ammont mitlub sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Grech in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm380.73), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------